MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1158/2003

**Avukat Michael Spiteri**
**vs**

**Raymond Caruana**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fid-9 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00), u fejn intqal:**
**Illi l-konvenut talab lill-attur jiddefendih f'kawza li kellu kontrih mid-Dipartiment tal-VAT. L-attur irrendielu servizzi professjonali skond kont dettaljat tieghu tal-21 ta' Gunju, 2001 li l-konvenut wieghed li jhallas kull darba li deher ghalih il-Qorti wara din id-data, jigifieri, fit-28 ta' Gunju, 2001 u fl-20 ta' Settembru, 2001, meta bis-sahha tas-sottomissjonijiet tieghu, bil-miktub lid-Dipartiment tal-VAT, gablu l-"withdrawal" tal-kaz u iffrankalu eluf kbar ta' liri f'penali. Fl-20 ta' Settembru, 2001, il-konvenut wieghed illi jibghat il-hlas skond il-kont li kien ser jircievi wara li ftehmu dwar l-ammont, jigifieri, mija u**

**hmistax-il lira li jinkludu l-VAT. Il-konvenut baqa' ma hallsux minkejja sejhiet bil-miktub u minkejja li kemm il-darba gharaf il-jedd ta' l-attur ghal hlas, l-ahhar wahda ftit gimghat ilu meta accertah li ser igiblu l-flus, imma xorta wahda baqa' ma hallsux u ghalhekk kellu jaghmel din it-talba;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-21 ta' Settembru, 2001, tas-27 ta' Novembru, 2002, tal-31 ta' Dicembru, 2002 u tat-12 t'April, 2003 (Lm25.00).**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Michael Spiteri li kkonferma li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Gunju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-21 ta' Settembru, 2001, tas-27 ta' Novembru, 2002, tal-31 ta' Dicembru, 2002 u tat-12 t'April, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------